# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' April 2025**

**Kawża Nru: 16/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Matthew Pace (K.I. 55969M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuża miġjuba fil-konfront ta' Matthew Pace, mwieled Sliema fil-11 ta' Jannar 1969, detentur tal-karta tal-identita 55969M u residenti 131, Windrose, Triq ta' Xmiexi, Msida u ċioé:

*Akkużati talli b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru dispożizzjoni tal-Liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat :*

1. *Bħala sid il-kera jew amministratur tal-fond 29, Triq tal-Katidral, Sliema, nhar l-01 ta' April, 2021 u fil-ġimgħat u x-xhur preċedenti, bi ksur tal-Liġijiet u regolamenti applikabbli, naqas li jirreġistra l-kirja tal-imsemmi fond lil Yenny Patricia Trivino Rodriguez mal-Awtorita' tad-Djar.*

*Ghaldaqstant, il-Qorti hija mitluba bir-rispett tordna lill-ħati, ai termini tal-Artikolu 22(1) Kap. 604 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iħallas il-penali skont il-Ligi, għar-ragunijiet hawn fuq speċifikati u cioe' multa ta' mhux inqas minn elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) u mhux aktar minn għaxart elef Ewro (€10,000).*

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru 2022[1].

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar 2023[2].

Rat l-assenjazzjoni datata 9 ta' Marzu 2023 maħruġa ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 520 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[3].

Rat il-verbal tal-21 ta' Ġunju 2023[4] u diversi verbali oħra fejn għal xi raġuni jew oħra ma seta' jsir xejn.

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-22 ta' Frar 2024[5], fejn instemgħet ix-xhieda ta' tal-Kuntistabbli PC2322 Alessia Costanzo, Chris Casha u tal-Ispettur Colin Sheldon.

[1] Verbal relattiv jinsab a fol 7 *et seq* tal-proċess.
[2] A fol 8 tal-proċess.
[3] A fol 8A *et seq* tal-proċess.
[4] A fol 10 tal-proċess.
[5] A fol 19 tal-proċess.

Rat li fis-seduti sussegwenti qamet il-kwistjoni dwar ix-xhieda tal-allegata inkwilina permezz ta' mezzi telematiċi.

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Jannar 2025[6] fejn ċaħdet it-talba tad-difiża sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha preċedenti sabiex tinstema l-allegata inkwilina ai termini tal-artikolu 647A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda ordnat lil Prosekuzzjoni tieħu dawk il-miżuri elenkati fl-istess digriet qabel ma tittieħed dik ix-xhieda.

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2025[7], fejn irriżulta li l-Prosekuzzjoni kienet naqset milli ssegwi l-ordni tal-Qorti fid-digriet tad-9 ta' Jannar 2025 u għalhekk il-provi tagħha ġew dikjarati magħluqa. Dakinhar instemgħet it-trattazzjoni finali[8] u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-15 t'April 2025[9], fejn għad li s-sentenza kienet lesta, din ma setgħetx tingħata għaliex l-imputat kien jinsab medikament indispost. Dakinhar il-kawża reġgħet tħalliet għas-sentenza għal-lum[10].

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

**<u>Fatti</u>**

[6] A fol 60 tal-proċess.
[7] A fol 63 tal-proċess.
[8] Debitament reġistrata u traskritta u tibda a fol 65 tal-proċess.
[9] Verbal relattiv jinsab a fol 67 tal-proċess.
[10] Il-Qorti tissenjala hawnhekk li permezz tal-artikolu 30 tal-Att XXIV tas-sena **2014** ġie promulgat l-artikolu 360B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħti l-possibiltá li jingħataw sentenzi *in absentia*. Sfortunatament, il-leġislatur għadu sal-lum ma ħariġx ir-regolamenti neċessarji sabiex dan l-artikolu jidħol *in vigore*. Li kieku kien hekk, possibbilment, ċirkostanzi bħal dawk li seħħew fis-seduta tal-15 ta' April 2025 f'dawn il-proċeduri kien jonqsu sew.

Illi din il-kawża titratta allegat nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' kirja privata skond kif rikjest mill-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Matla.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet PC 2322 Alessia Costanzo[11]. Din sempliċiment tagħraf riferti preċedenti maħruġa fil-konfront tal-imputat.

Illi xehed ukoll Chris Casha, rappreżentant tal-Awtorità' tad-Djar. Imressaq mill-Prosekuzzjoni[12] jgħaddi sabiex iressaq dokumentazzjoni u korrispondenza dwar il-każ. Minn eżami tal-istess jirriżulta li dak li wassal għal dan ir-rapport kien allegat diżgwid fuq ritorn ta' depożitu fuq allegata kirja li bdiet fi Frar 2021. Mir-riċerka li twettqet mill-Awtorità, din il-kirja ma nstabitx reġistrata.

Illi xehed ukoll l-Ispettur Colin Sheldon[13] li sempliċiment ressaq ċertifikat ta' twelid tal-imputat.

**<u>Mertu</u>**

Illi kif ġie mfisser fir-rijepilogu hawn fuq magħmul, l-allegata inkwilina ma ġietx imressqa bħala xhud għar-raġunijiet hawn fuq indikati.

Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-aspett legali ta' din il-kwistjoni, din il-Qorti hija tal-istess opinjoni mal-ġurisprudenza li tgħid li dan ir-reat għandu jitqies bħala wieħed li jidħol fih il-prinċipji mħaddna ta' *strict liability*[14].

---

[11] Xhieda relattiva tibda a fol 21 tal-proċess.
[12] Xhieda relattiva tibda a fol 23 tal-proċess.
[13] Xhieda relattiva tibda a fol 42 tal-proċess.
[14] Fost diversi, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs James Sammut *et*,</u>** mogħtija nhar is-27 ta' Marzu 2023. Għal dak li jiswa mbagħad, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>The Police vs Maruizio D'Apice,</u>** deċiża nhar is-27 ta' Ottubru 2023 (mhux appellata). Issir ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Manuela Tabone Micallef,</u>** (App Nru: 288/2023) mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-24 ta' Mejju

Illi madankollu, ġaladarba l-leġislatur għażel li dan it-tip ta' nuqqas (għal dak li għandu x'jaqsam mal-artikolu 22 tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta) għandu jiġi eżaminat fil-qafas tal-kamp kriminali, huma r-regoli tal-istess li għandhom jiġu applikati (għad-differenza per eżempju li kieku dan in-nuqqas kellu jiġi eżaminat fil-kamp tal-liġi amministrattiva). B'hekk hija l-prosekuzzjoni li għandha tipprova dak allegat minnha, u dan lill'hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni[15].

Illi f'dan il-każ, din il-Qorti kienet ikkonċediet li l-allegata inkwilina tagħti x-xhieda tagħha b'mod telematiku, iżda elenkat il-proċedura li għandha tiġi segwita u dan għar-raġunijiet hemm dettaljati[16]. Il-Prosekuzzjoni naqset milli ssegwi dawk l-istruzzjonijiet u għalhekk l-allegata inkwilina ma tatx it-testimonjanza tagħha.

Illi b'hekk jiġi li din il-Qorti la għandha prova ċerta li l-kopja tal-kuntratt eżebit huwa wieħed awtentiku u wisq anqas, prova ċara li qatt kien hemm inkwilinat. Fin-nuqqas ta' din il-prova, ma seta' qatt jiġi ppruvat li kien hemm l-obbligu tar-reġistrazzjoni ta' xi kirja[17] u b'hekk din il-Qorti ma tistax issib ħtija. Similment

2024 fejn dik il-Qorti qalet hekk: *"Illi l-appellanti hawn għandha żball. Dan għaliex minn imkien mis-sentenza appellata ma jidher illi l-Ewwel Qorti qieset li kien hemm xi forma ta' premeditazzjoni fl-aġir tagħha. Qieset ġustament l-Ewwel Qorti, illi peress illi għar-reat addebitat lill-appellanti għandu japplika l-prinċipju tal hekk imsejjaħ 'strict liability', kwindi tonqos il-ħtieġa li jkun hemm l-element formali għalbiex tirriżulta l-ħtija, billi għal dawn it-tip ta' reati l-att materjali waħdu huwa biżżejjed għal konsumazzjoni tiegħu mingħajr ma jkun hemm l-element intenzjonali kriminuż, bil-persuna mputata bir-reat, madanakollu jkollha il-jedd tqanqal dawk id-difiżi li jidhirlha xierqa sabiex teżimi ruħha mir-responsabbilta' penali, ħaġa li l-appellanti tonqos milli tagħmel. Ifisser għalhekk illi bil-fatt waħdu li fl-ewwel lok il-kirja ma kenitx irreġistrata, u fit-tieni lok l-kuntratt tal-kera kien nieqes minn wieħed mir-rekwiżiti essenzjali tiegħu għal fini ta' reġistrazzjoni[14], kwindi ir-reat jirriżulta ippruvat, bl-appellanti ma tressaq ebda prova kuntrarja sabiex teżimi ruħha mill-ħtija."*

[15] Fost diversi, wieħed huwa mistieden jara dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Li Tao,</u>** (App Nru: 28/2020) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, nhar il-15 ta' April 2021.

[16] Ara digriet tad-9 ta' Jannar 2025.

[17] Fill-korrispondenza eżebita mill-Awtorità tad-Djar, li jidher kellha mal-allegata inkwilina, l-istess Awtorità wkoll spjegat lil Yenny Patricia Trinio Rodriguez hekk: *"Your testimony in*

ġie konkluż f'każijiet fejn l-allegat inkwilin jonqos minn jeddu li jagħti t-testimonjanza tiegħu[18]. B'mod konkludorju mbagħad, ma jista' qatt jintesa li dak kontenut fir-rapport, mingħajr konferma bil-ġurament tal-allegata "vittma", ftit li xejn għandu valur probatorju[19]. Fi kliem ieħor, dak irraportat f'xi rapport jista' jkun prova li ntqal dak il-kliem f'dik id-data u ħin, iżda mhux tal-kontenut tiegħu[20].

Illi għalhekk il-Qorti ma tistax issib ħtija.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda ssib lill-imputat mhux ħati u konsegwentement tilliberah mill-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u minn kull piena.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Magistrat

---

*this case will be crucial"* – Ara fol 39 tal-proċess. Ukoll, f'korrispondenza oħra, qaltilha hekk: *"On that day you have to testify and report all the facts on this case. Your testimony is indispensable".*

[18] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Aquilina,** (Kawża Nru: 3739/23) mogħtija minn din il-Qorti nhar is-27 ta' Ottubru 2023 (mhux appellata); dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Karen Calleja,** (Kawża Nru: 23/2022) mogħtija minn din il-Qorti nhar it-22 ta' Novembru 2023 (mhux appellata; dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Chetcuti,** (Kawża Nru: 4072/23) mogħtija minn din il-Qorti nhar it-22 ta' Novembru 2023 (mhux appellata) u dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Matthew Zammit,** (Kawża Nru: 15/2022) mogħtija minn din il-Qorti nhar id-19 ta' Settembru 2024 (mhux appellata).

[19] Fost diversi, Il-Qorti tagħmel referenza għal dak raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi,** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-24 ta' Ottubru 2011. Issir referenza wkoll għal dak li ġie enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fabio Schembri**, mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-1 ta' April 2011.

[20] Fost diversi, ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Andrew Ellul Sullivan,** (App Krim Nru: 80/2001/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-20 ta' Marzu 2003. Bl-istess mod, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana,** (App Krim Nru: 90/2011) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-14 ta' Mejju 2012).

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur